

# Monumenti fil-Mosta (2)

GEORGE CASSAR Ph.D.

Il-Mosta għandha numru ta' monumenti li jfakkru avvenimenti varji. Hemm oħrajn li jfakkru persuni fosthom hemm wieħed dedikat lill-Missjunarji Maltin.



## Il-Monument għall-Missjunarji Maltin

Int u dieħel il-Mosta min-naħa ta' Burmarrad, wara li tkun tlajt it-telgħa ta' San Ġużepp tat-Targa, tara faċċata tiegħek fir-roundabout li tkun wasalt ħdejha, kolonna kwadra ta' għoli mhux ħażin. Dan hu l-monument li jfakkar lil dawk il-ħafna minn ħutna li ħallew art twelidhom biex joffru ħajjithom u saħħithom għal dawk fil-bżonn 'il bogħod minn xtutna. Hu monument tassew f'postu meta tiftakar fil-ġenerosità ta' dawn kollha li ħadmu b'sagrifiċċju personali għall-imħabba t'Alla u tal-proxxmu.

Hu monument li ra l-kxif tiegħu fit-2 ta' Settembru 2000 u li sar bl-inizjattiva tas-Sur Stanley Mangion, Kunsillier Mosti, u Bro. Kristinu Borg MSSP. Dawn ġabru l-fondi u organizzaw ix-xogħol għal dan il-monument. Kienu huma wkoll li ħasbu li f'din l-okkażjoni, fil-waqt li jitfakkru dawk li taw lill-oħrajn, jingħataw ukoll donazzjonijiet bħala għajnuniet lil entitajiet varji.

Il-Munument għall-Missjunarji Maltin ġie mikxuf mill-President ta' Malta, il-Prof. Guido de Marco. L-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, bierek il-ġemgħa u għamel talb għall-missjunarji ħajjin u mejtin. Saru diskorsi għal din l-okkażjoni mill-President de Marco, mill-Arċisqof Mercieca, mill-Arċipriet tal-Mosta, Dun Joe Carabott, u mis-Sur Stanley Mangion, l-ideatur tal-monument. Ma naqsitx il-parteċipazzjoni tal-missjunarji f'okkażjoni bħal din. Għalhekk Dun Salv Borg, qassis Mosti, tkellem fuq l-esperjenza tiegħu fil-Brażil, u Suor Theresa Maria Piscopo tat l-esperjenza tagħha tax-xogħol missjunarju fl-Afrika.

Il-monument jikkonsisti f'kolonna kwadra twila. Il-Perit Ludoviku Micallef mill-Mosta ħa ħsieb il-kostruzzjoni u l-bennej Żebbuġi Philip Micallef għamel ix-xogħol tal-ġebel. Fuq kull faċċata hemm panew tal-bronż u taħtu lista ta' għaqdiet jew individwi li taw sehem fil-missjonijiet mad-dinja kollha.

Għalhekk fuq il-faċċata li tħares lejn Vjal Millbrae hemm, taħt xulxin, din il-lista: "Saċerdoti Djoċesani; Kappillani; Vigarji; Isqfijiet; Nunzji Appostoliċi; Opri Miss. Pontifiċji". Fil-faċċata li tħares lejn Triq il-Missjunarji tinsab din il-lista: "Soċjetà Miss. San Pawl; De La Salle Brothers; Terezjani; Ġiżwiti; Salesjani; Agostinjani; Dumnikani; Patrijiet Minuri; Kapuċċini". Fil-faċċata li tħares lejn Triq il-Kostituzzjoni hemm umbagħad: "Franġiskani Miss. ta' Marija; Good Shepherd; Agostinjani; Carmelite of St. Theresa; Ulied il-Qalb ta' Ġesù; Sisters of Charity; Dumnikani; Ursuline Sisters". L-aħħar faċċata, dik li tħares lejn Triq id-Difiża Ċivili, insibu: "Mission Fund; Moviment Missjunarju; MUSEUM; Volontiera Lajċi Miss.".

Taħt kull waħda minn dawn il-listi hemm ukoll skrizzjonijiet oħra li jfakkru fil-persuni li kellhom xi sehem fit-twaqqif jew l-inawgurazzjoni tal-Mafkar Missjunarji Maltin. Hemm ukoll ringrazzjament lill-missjunarji mill-Maltin kollha. Ta' min isemmi li fuq il-faċċata li tħares lejn Vjal Millbrae, 'il fuq, viċin il-quċċata, tpoġġa panew tond forma ta' dinja filwaqt li fil-faċċata opposta, dik li tħares lejn Triq il-Kostituzzjoni, tpoġġa salib kbir.

Ix-xogħol tal-panewijiet u skultura hu ta' l-iskultur Anton Agius u x-xogħol tal-bronż sar fil-funderija Taljana Del Chiaro Massimo li tinsab fi Pietra Santa, Lucca. L-iskultur Anton Agius, Rabti, twieled fl-1 ta' Diċembru 1993. Hu beda jitħarreġ fl-arti taħt Joseph Galea. Studja l-arti bejn l-1950 u l-1953 fis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ fil-Belt Valletta u wara kompla fl-Iskola ta' l-Arti taħt George Borg. Wara kompla fl-Italja meta attenda l-Accademia di Belle Arti f'Ruma u s-Saint Martin's School of Art f'Londra.

Xogħolijiet, l-iskultur Agius għandu ħafna, kemm f'Malta u kemm barra. Fost dawn hemm il-Monument tal-Ħaddiem fl-Imsida u dak tal-31 ta' Marzu 1979 fil-Birgu. Ħadem ukoll monumenti li jfakkru numru ta' personalitajiet bħal Dun Mikiel Xerri u Sħabu (fil-Belt), Manwel Dimech (fil-Belt) u Mons. Giuseppe De Piro (fir-Rabat). Dawn huma biss ftit mix-xogħolijiet tiegħu. Hu esebixxa l-arti tiegħu f'numru ta' wirjiet matul is-snin.

### Referenzi

Schiavone, J.M. u Scerri, L.J. (1997): *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, Malta.

Caruana, V.B. (2000): 'Inawgurat Monument għall-Missjunarji Maltin'. *Il-Mosta*, nru. 173.